O Banda Sant' Andrija
Aħna miegħek Magħqudin
il-banda li ġġib ismek
Aħna bik kburin.



# 75 Sena Ilu
# Meta Nqalbet il-Folja – 10 ta' Mejju 1942

**Kitba ta' Richard J. Caruana**

Ir-rebħa tal-battalja tal-ajru ta' Malta, minbarra li assigurat is-soppravvivenza tal-poplu Malti, għenet ukoll biex tintrebaħ il-gwerra fuq fronti oħrajn, partikolarment dak fl-Afrika ta' Fuq u, aktar tard, bl-invażjoni tal-kontinent Ewropew li bdiet minn Sqallija. Dawn iż-żewġ fatturi importanti seħħew bl-isforz li sar minn skwadri tar-RAF u tal-FAA, u l-allejati tagħhom, li kienu jtiru minn Malta u tal-qlubija u determinazzjoni tal-Poplu Malti.

L-akbar żvolta fil-battalja qalila li kienet għaddejja fl-ewwel ħames xhur tal-1942 bdiet bil-wasla f'Malta tal-ewwel *Supermarine Spitfires* fis-7 ta' Marzu 1942. Din il-wasla qanqlet reazzjoni vjolenta minn-naħa tal-għadu. *Operation Spotter* wasslet 15-il *Spitfire Mk.V* minn fuq *HMS Eagle*, li bl-għajnuna ta' tankijiet tal-petrol imwaħħlin fuq barra setgħu jittajru għal distanza itwal mis-soltu. Il-forzi tal-għadu indunaw bil-wasla tagħhom, u 44 *Messerschmitt* minn JG53 ippjanaw li jaħbtu għalihom hekk kif ikunu għoddhom waslu l-art. Il-*Hurricanes* mill-iskwadri bbażati Malta - Nru 126, 185 u 249 - għamlu ħilithom kollha biex jagħtu protezzjoni lil dawn l-arjuplani tant mixtieqa u mistennija, sakemm kollha niżlu b'wiċċ il-ġid.

Fil-21 u fid-29 ta' Marzu, *HMS Eagle* tajjret 16-il *Spitfire* ieħor, numru żgħir wisq biex ilaħħaq mat-telf li kienu qed isorfru l-forzi tal-ajru fil-gżira Maltija. Biżżejjed wieħed jgħid li meta waslet din it-tieni kunsinna, mill-15 li kienu waslu fis-7 ta' Marzu wieħed biss kien għadu f'kundizzjoni operattiva.

Fl-20 ta' Marzu, konvoj importanti telaq minn Lixandra għal Malta li kien jinkludi il-vapuri tal-merkanzija *Talbot*, *Pampas*, *Clan Campbell* u *Breconshire*. Dawn l-erba' sfaw attakkati kontinwament mill-ajru matul triqthom; *Clan Campbell* ġie mgħarraq 20 mil 'il bogħod minn Malta, waqt li *Talbot* u *Pampas* baqgħu jiġu bbumbardjati anki wara li daħlu fil-Port il-Kbir fit-23 ta' Marzu. *Talabot* intlaqat diversi drabi filwaqt li *Pampas* ħa n-nar fis-26 tax-xahar. Il-*Breconshire* inqaleb fuq ġenbu f'Marsaxlokk wara li kienet tniżżlet biss parti mit-tagħbija ta' fuqu.

Id-determinazzjoni tal-għadu kienet ċara, u n-numru żgħir ta' *Spitfires* ma setax ilaħħaq mal-forzi massiċċi li kuljum kienu

qed jattakkaw lil Gżiritna. Tant hu hekk, li lejn l-aħħar ta' Marzu l-ajruplani tal-bumbardament li kien hawn f'pajjiżna, kif ukoll il-bastimenti navali, kellhom iħallu Malta. Bit-tluq tagħhom, Rommel seta' jiġi fornut mingħajr xkiel għax waqfu l-attakki minn Malta fuq il-linji ta' rifornimenti min-Nofsinhar tal-Italja għall-Afrika ta' Fuq.

Fl-istess waqt, l-ajruplani tal-*Luftwaffe* qajla setgħu jsibu x'jibbumbardjaw fuq Malta li ma kienx diġà mfarrak. Matul April biss, il-Ġermaniżi kienu wettqu 5,807 titjira operattiva mill-ajruplani tal-ġlied, 5,667 titjira minnhom kienu tal-bumbardament u 345 titjira oħra ta' tkixxif. B'kollox intefgħu fuq Malta 6,577,231 kilo ta' bombi. Minn dan it-total, Ta' Qali qala' 841 tunnellata, Ħal Far 750, u Ħal Luqa 804; fuq Kalafrana niżlu 196 tunnelata waqt li z-zona tal-port qalet mhux inqas minn 3,156 tunnellata bombi. F'dawk it-30 ġurnata, kien hemm 282 ħbit mill-ajru.

Il-ħsarat, speċjalment f'wirt arkitettoniku, kien wieħed kbir u ta' qsim il-qalb. Waqgħu għal kollox żewġ bereġ ta' żmien il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, il-Palazz iġġarrfet parti kbira minn fuq in-naħa ta' Pjazza Reġina, waqgħu numru kbir ta' knejjes kemm fil-Belt u fil-Kottonera, iġġarraf it-Teatru Rjal fis-7 ta' April, ġarrbu ħsarat konsiderevoli l-Mużew tal-Arkeoloġija u s-Suq tal-Belt. Intlaqtet ukoll l-istamperija tat-Times fil-31 ta' Marzu; minkejja dan, il-gazzetta baqgħet toħroġ kuljum anki meta parti sostanzjali mill-istamperija kienet meqruda.

Kien hemm ħsarat fi bnadi oħra: sitt imtieħen essenzjali għall-produzzjoni tad-dqiq ġarrbu ħsarat u kellhom jieqfu, b'konsegwenza li s-sitwazzjoni ta' skarsezza tal-ikel iggravat. Is-servizz tal-elettriku kien maqtugħ għal 72 siegħa u d-distribuzzjoni tal-gass sofriet ħsarat ukoll.[1] Fit-13 ta' April ġie attakkat l-isptar tal-Imtarfa u l-ħbit tat-23 tax-xahar kważi qered għal kollox l-isptar ta' *St Andrews*. Tliet ijiem wara kien imiss lill-isptar *King George V* fil-Furjana.

Telf aktar traġiku kienet il-ħajja ta' numru dejjem jikber ta' pajżana, minbarra dawk militari li taw ħajjithom fil-qadi ta' dmirijiethom. Ix-xeltrijiet ma kienux jiggarantixxu lquħ mill-bombi; fil-21 ta' Marzu żewġt irġiel tilfu ħajjithom meta bomba splodiet fil-bokka ta' xelter fi Triq Gafà, il-Mosta. Fl-24 tal-istess xahar bomba laqtet xelter privat fi Triq ir-Rinella, l-Kalkara, fejn mietu sitta min-nies meta nfaqa' pajp tal-gass. Dakinhar ukoll, intlaqat xelter viċin in-NAAFI f'Ħal Far fejn mietu it-28 persuna li kien hemm fih. L-akbar traġedja ta' dawk iż-żminijiet koroh ġrat f'Ħal Luqa fid-9 ta' April, waqt ħbit tremend fuq l-ajruport viċin ir-raħal. Bomba waqgħet viċin ix-xelter fi Triq il-Papa Innoċenz fejn 30 ruħ kienu qed jistkennew. Din faqgħet ġibjun taħt l-art għal ġox-xelter. Xi rġiel laħqu ġrew 'il barra, u magħhom salvaw xi tfal, iżda 23 ruħ baqgħu maqbuda, u tilfu ħajjithom hemm ġew. Il-Gvernatur, General Dobbie, tela' jżur il-post tat-traġedja u ġie nfurmat li nstabu biss 16-il kadavru, li l-biċċa l-kbira minnhom lanqas kienu jintgħarfu.

Kien f'dan it-tifrik u mwiet li Malta rċeviet l-aħbar li r-Re Ġorġ VI kien irregala l-*George Cross* lill-poplu Malti, eżattament b'ċitazzjoni tal-15 ta' April 1942 li kienet tgħid hekk:

*"Biex tonora lill-poplu qalbieni tagħha, jiena nagħti l-George Cross lill-Gżira Fortizza ta' Malta bħala xhieda tal-eroiżmu u d-devozzjoni li għad jibqgħu jissemmew fl-istorja."*[2]

## It-Tingiża taż-Żunżana

Ajruplani tat-tkixxif tagħna bdew iġibu minn fuq Sqallija ritratti li kienu juru biċ-ċar il-preparamenti li kienu għaddejjin għall-invażjoni ta' Malta. L-Allejati kienu determinati li din l-invażjoni ma sseħx, u sar



Fis-7 ta' Marzu 1942 ittajjar l-ewwel grupp ta' *Supermarine Spitfires* lejn Malta minn fuq HMS *Eagle* u HMS *Argus (Operation Spotter)*. F'dan ir-ritratt jidher BP890 jinqata' minn fuq il-gverta ta' HMS *Eagle* biex jibda titjira ta' aktar minn 200 mil lejn Malta




Il-*George Cross*, li ngħata mir-Re Ġorġ VI lill-poplu Malti fil-15 ta' April, 1942.



Spitfire jibda r-rankatura tiegħu biex jitla' minn fuq il-gverta ta' USS *Wasp* fl-20 ta' April 1942. Il-bastiment Amerikan intuża minħabba li HMS *Eagle* kienet qed tissewwiela ħsara fit-tmun.



L-10 ta' Mejju hija d-data meta l-Battalja ta' Malta daret favur id-difiża tal-Gżiritna.
Ajruplani Ġermaniżi mfarrkin kienu jidhru kull fejn tħares dakinhar, fit-triqat, fl-għelieqi u fuq bini mwaqqa'.
Minbarra l-ġlied fl-ajru minn Spitfires tal-Iskwadri Nru 185, 249 u 126, numru ta' ajruplani oħra tal-għadu twaqqgħu ukoll mill-kanuni tal-art.

sforz qawwi biex jintbgħatu aktar *Spitfires* lejn Malta. *HMS Eagle* kellha xi ħsarat u ma setgħetx tintuża'; Churchill dar fuq l-Amerika u talab direttament lill-President Roosevelt għall-użu tal-*USS Wasp*, li setgħet iġġorr ħafna aktar ajruplani. Fl-20 ta' April, 47 *Spitfire* telqu minn fuqha fuq titjira ta' 660 mil lejn Malta.[3]

L-arjuplani kollha, ħlief wieħed, niżlu b'wiċċ il-ġid, iżda sabu jistennihom attakk aħrax. Billi l-Ġermaniżi kienu ndunaw b'dak li kien qed iseħħ, stennew biex jaqbdu l-ajruplani Ingliżi fil-ħin l-aktar delikat, hekk kif ikunu għadhom kif niżlu, xotti mill-*petrol* u mingħajr munizzjon fil-kanuni.[4] Tnax-il *Spitfire* spiċċaw imfarrka, u b'riżultat tal-ġlied qalil tal-ġranet ta' wara, minn dik il-kunsinna ħelsuha biss tliet ajruplani. Jidher li l-piloti li kienu ntbgħatu magħhom jew ma kellhom l-ebda esperjenza ta' ġlied jew jekk kellhom, din kienet limitata ħafna. Il-kap kmandant tar-RAF f'Malta bagħat messaġġ iebes lill-Ministeru tal-Ajru fl-Ingilterra fejn għamilha ċara li Malta ma kienetx post għall-prinċipjanti.

Churchill reġa' talab għall-użu tal-*Wasp* biex tintbgħat kunsinna oħra.[5] Fid-9 ta' Mejju, il-*USS Wasp* u l-*HMS Eagle* flimkien tajjru lejn Malta 64 *Spitfire*. F'messaġġ lil Roosevelt, Churchill qallu: "Minn qal li żunżana ma tistax tniggeż darbtejn?"[6] Il-lezzjoni qarsa tal-20 ta' April ma kienetx għal xejn u saru preparamenti meħtieġa. Kull bniedem fis-servizz ġie avżat minn jumejn qabel dwar il-wasla, tneħħew ir-restrizzjonijiet kollha fuq l-ammont ta' munizzjon li setgħu jużaw il-kanuni mill-art. Hekk kif bdew deħlin (mqassma fuq it-tliet ajruporti prinċipali), kull ajruplan ingħata l-petrol u balal għall-kanuni, u pilot lokali ħa post dak li wasslu. Kien ikkalkulat li kull *Spitfire* kellu jkun lest f'tletin minuta. *Wing Commander* E.J. Gracie, li mexxa grupp ta' *Spitfires* dakinhar, wara stqarr l-iskantament tiegħu kif kien hemm ajruplani li reġgħu kienu fl-ajru wara biss disa' minuti! Ta' min isemmi li ħafna mix-xogħol ta' riforniment kien isir minn Maltin.

**L-10 ta' Mejju 1942 - Ġurnata Glorjuża**

L-ajruplani li kienu waslu f'*Operation Bowery* ma kienu jiswew xejn li kieku ma waslux ukoll inġiniera, materjal u munizzjon għalihom. Għalhekk, l-għada fis-5.25 ta' filgħodu daħlet fil-Port il-Kbir *HMS Welshman* minn Ġibiltà; irnexxielha taħrab l-attakki ħorox tal-għadu għax ġiet mibdula biex tidher qisha *cruiser* Franċiża. Fuqha kellha 100 mekkanik, makni għall-ajruplani, *fuel*, balal u anki proviżjon ta' ikel. Għoxrin minuta wara li daħlet beda l-attakk tal-għadu bil-mira li jgħarraqha b'kull ma kellha fuqha.

Kien veru miraklu li taħt nar li jkexkex, Maltin u suldati Ingliżi rnexxielhom iħottu kollox sa' nofsinhar. L-ajruplani Ġermaniżi ntlaqgħu ma' tliet sorpriżi: baraxx ta' nar qawwi mill-kanuni tal-art, numru mdaqqas ta' *Spitfires*, u kisja ta' duħħan[7] illi għatta ż-żona tal-port. L-aħrax ħbit kien dak tal-10.56 meta 20 Ju 87 Stuka, 10 Ju 88 u skorta kbira ta' *Messerschmitt Bf* 109 li kellhom fil-mira 'l *Welshman*, ġew interċettati minn 37 *Spitfire* u 13-il *Hurricane*. Kull fejn wieħed iħares 'l fuq, kien jara ajruplani jiġru wara xulxin, b'dawk Ingliżi ma jiddejqu xejn jgħaddu minn nofs il-baraxx tal-kanuni Maltin stess biex jissieltu mal-Ġermaniżi.

F'dik il-ġurnata, li daħlet fl-istorja bħala *The Glorious 10th of May*, intemmet darba għal dejjem is-supremazija li l-għadu kien ilu jgawdi għal xhur sħaħ fuq Malta. Minn 125 titjira operattiva li r-*RAF* għamlet dakinhar, 110 minnhom tajjruhom l-i*Spitfires*. It-telf għall-għadu kien jinkludi 22 ajruplan imġarrfa, 20 oħra li probabbilment twaqqgħu ukoll,[8] waqt 21-il ajruplan ieħor ġarrbu ħsarat konsiderevoli. Tmien ajruplani tal-għadu twaqqgħu mill-


982nd DAY OF WAR AGAINST NAZISM

The "GEORGE CROSS"

TIMES OF MALTA

No. 2,094 PRICE 2d. MONDAY, MAY 11, 1942

BATTLE OF MALTA : AXIS HEAVY LOSSES

'SPITFIRES' SLAUGHTER 'STUKAS'

BRILLIANT TEAM WORK OF A.A. GUNNERS AND R.A.F.

63 Enemy Aircraft Destroyed Or Damaged Over Malta Yesterday

Destroyed 22 — probably destroyed 20 — damaged 21

The specification of these is as follows :—

| | DESTROYED | Probably Destroyed | Damaged |
|---|---|---|---|
| R.A.F. | 12 bombers<br>4 fighters | 11 bombers<br>9 fighters | 11 bombers<br>10 fighters |

ANTI-AIRCRAFT ARTILLERY —
5 bombers
1 fighter
(Several more enemy aircraft were damaged by Anti-Aircraft Artillery that were probably later destroyed by our fighters).

EASTERN FRONT

Strong Russian Attacks

FAR EAST

Chinese Successes

MIDDLE EAST FRONT

Il-faċċata tat-*Times of Malta*, 11 ta' Mejju, b'rapport tar-rebħa li d-difensuri kienu wettqu l-ġurnata ta' qabel.

*gunners* Maltin li dakinhar urew ħila u qlubija straordinarja.

Il-folja nqalbet, u minn dakinhar Malta marret fuq l-attakk. Imma, kif soltu nghidu, dik storja oħra.

## Nota

Richard J. Caruana huwa l-awtur tal-kotba *Victory in the Air, Modelaid International Publications* (1996) u *L-Istorja tal-Avjazzjoni f'Malta, PIN Publications* (2002).

### Referenzi

1 Din kienet sistema magħrufa bħala *Town Gas*, fejn il-gass kien jiġi distribwit fiż-żoni tal-Belt, Tas-Sliema, eċċ permezz ta' pajpijiet taħt l-art, bħall-ilma. Is-sopensjoni kienet imħabba li waqt rejd inqerdu 180,000 piet kubu ta' gass

2 Test oriġinali: *"To honour her brave people, I award the George Cross to the Island Fortress of Malta to bear witness to a heroism and devotion that will long be famous in history"*

3 *Operation Calendar*; Richard J. Caruana għamel taħdita fuq din l-operazzjoni, u dik ta' warajha *(Operation Bowery)* fil-Mużew Marittimu, l-Birgu, fis-27 ta' April, 1998 f'konferenza organizzata mill-Ambaxxata Amerikana f'Malta; test mhux ip-publikat

4 Il-balal kienu jitneħħew mill-kanuni waqt titjiriet twal bħal dawn biex jitnaqqas il-piż

5 *Operation Bowery*

6 Test oriġinali: *"Who said a wasp couldn't sting twice?"*

7 Dan il-metodu, li bl-Ingliż jgħidulu *smoke screen,* kien l-ewwel darba li ntuża' fuq l-art f'Malta

8 Is-sistema tar-*RAF* kienet li biex ajruplan ta' l-għadu jiġi meqjus imwaqqa' kien irid ikun hemm xhieda ta' mill-anqas żewġ *pilots*, jew jinasbu l-fdalijiet tiegħu. Għalhekk, fejn kien ikun hemm ħjiel serju li twaqqa' ajruplan iżda ma jintlaħqux il-kwalifiki msemmija, dan kien jitniżżel bħala *probable.*